KUNSILL LOKALI **SLIEMA** LOCAL COUNCIL

**Ref: Seduta 41_21-01-09 V**

## MINUTI TAL-WIEĦED U ERBGĦIN SEDUTA

**Il-wieħed u erbgħin seduta** tal-Ħames Kunsill Lokali ta' Sliema nżammet nhar **l-Erbgħa, 21 ta' Jannar, 2009** fl-Uffiċċji Amministrattivi, fi Triq Depiro, Sliema.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| **Sindku:** | **Marina Arrigo** |
| **Viċi Sindku:** | **Albert Bonello Dupuis** |
| **Kunsilliera:** | **Margaret Ann Azzopardi**<br>**Marianne Aquilina**<br>**Michael Briguglio**<br>**Martin Debono**<br>**Nikki Dimech**<br>**Luke Vella** |
| **Skużat (Imsiefer):** | **Julian Galea** |
| **Segretarju Eżekuttiv:** | **Josef Grech**<br>**Stefania Friggieri** |

Is-seduta bdiet fl-16:05 b'din l-agenda:

1. **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti tas-seduta numru 40_17/12/08**
2. **Materji konnessi mal-minuti**
3. **Korrispondenza u komunikazzjonijiet mis-sindku/segretarju eżekuttiv**
4. **Mistoqsijiet mil-kunsilliera**
5. **Approvazzjoni tal-pagamenti**
6. **Affarijiet Oħra**

**1. Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti tas-seduta numru 40_17/12/08.**

Il-kunsillier M. Briguglio ippropona li jiġu approvati l-minuti, il-viċi sindku A. Bonello Dupuis issekondah. Is-Sindku M. Arrigo, il-kunsilliera M. Aquilina, M. Azzopardi u L. Vella approvaw ukoll b'mod unanimu.

**2. Materji konnessi mal-minuti**

2.1 Il-kunsillier M. Brigulgio irrimarka dwar il-*bicycle racks*. Is-segretarju eżekuttiv kien kiteb lill-Assoċjazzoni tar-Roti u kien ċempel ukoll lill-president tal-Federazzjoni u ftiehem miegħu li kellu jiġi l-kunsill għall-pjanta tal-lokal biex jindika s-siti eżatti fejn jistgħu jitwaħħlu iktar bicycle racks. Is-Sindku rrispondiet li l-kunsill se jpoġġi dalwaqt waħda fejn is-Salezjani u l-oħra fejn il-latrina pubblika ta' Triq Bisazza. Filwaqt li l-kunsill jista jpoġġi fejn jiġi mitlub mir-residenti dejjem jekk ikun possibbli.

2.2 Il-viċi sindku fakkar dwar iż-żewġ karozzi li huma pparkjati fi Triq Amery li għandhom diversi ċitazzjonijiet minħabba l-liċenzja skaduta u li ġew irreferuti lill-kumitat konġunt sabiex jiġu kklampjati. Is-sindku M. Arrigo reġgħet ċemplet lill-uffiċċjal awtorizzat dak il-ħin stess. Is-segreteraju eżekuttiv ippreżenta risposta mill-uffiċċjal awtorizzat fejn tgħid li fl-aħħar laqgħa tal-kumitat konġunt ġie deċiż li l-karrozzi bla liċenzja għandhom jiġu klampjati, kif ukoll li uħud mil-karrozzi antiki se jiġu rraportati lil MEPA.

**3. Korrispondenza u komunikazzjonijiet mis-Sindku/Segretarju Eżekuttiv**

3.1 Is-segretarju eżekuttiv qal li fl-aħħar seduta (40_17/12/08) ġie deċiż li l-kunsill għandu jiltaqa' mas-Sur Bjorn Bonello bħala l-president tal-*Chamber of Planners* biex ikun jista jgħin lill-kunsill janalizza l-idejat tal-pubbliku dwar il-*local plans*. Is-segretarju eżekuttiv żied jgħid li sadanittant hu bagħat kull suġġeriment lill-MEPA li rċieva mill-pubbliku. Is-sindku dak il-ħin stess stiednet lis-Sur Bjorn Bonello biex jingħaqad mal-kunsill rigward il-local plans. Is-segretarju eżekuttiv spjega fuq fuq il-korrispondenza/petizzjonijiet li l-kunsill kien irċieva mir-residenti lis-Sur B. Bonello, filwaqt li kopji ta' dawn kienu tqassmu lill-kunsilliera fl-aħħar seduta (40_17/12/08). Is-segretarju eżekuttiv qal ukoll li l-kunsill kellu laqgħa mal-MEPA dwar il-*local plans* fejn intqal li Tas-Sliema huwa l-uniku post li l-bini jiġi kategorizzati u klassifikati.

Is-Sur B. Bonello qal li Tas-Sliema soffriet minn ċertu aspetti minħabba s-suċċess stess tal-lokalita'. Qal ukoll li l-kummenti tal-pubbliku huma varji u wieħed qabel xejn għandu jkollu tagħrif u janalizza x'tirrikjedi l-lokalita'. Per eżempju li m'hemmx ċirkulazzjoni ta' arja f'uħud mit-toroq u għalhekk ikun hemm reazzjoni bejn il-ħitan u l-għoli. Hemm problemi oħra dwar l-appoġġi, il-kostruzzjoni qawwija, it-traffiku kif jiġi implimentat eċċ. F'Tas-Sliema hemm postijiet ta' arkitettura u affarijiet oħra li jistgħu jaffettwaw kull tip ta' żvilupp. Is-Sur B. Bonello qal ukoll li qabel ma jsir xi żvilupp wieħed għandu jkellem lill-iżvilupattur ħalli fejn jistgħu jsiru modifikazzjonijiet bħal jitnaqqsu ħitan eċċ, il-problemi jistgħu jonqsu u jinħoloq l-inqas inkonvenjent. Is-Sur B. Bonello qal li qabel xejn wieħed għandu jżomm f'moħħu l-kuntest ta' l-iżvilupp kollu, fejn problema ma tistax tiġi *shifted* biex isir żvilupp f'post ieħor.

Il-kunsillier M. Briguglio staqsa kif nistgħu nressqu l-opinjonijiet tar-residenti b'mod holistiku u kif se jiġu relatati mal-*local plans*. Is-Sur B. Bonello żied jgħid li l-kunsill irid jara t-traffiku tat-toroq, kemm huma wiesgħa, il-*one-ways* li hemm eċċ. Is-segretarju eżekuttiv qal li preżentament il-kunsill għadu qiegħed jistenna risposta mill-ADT jekk it-

*tunnel* tal-*MIDI* hux se jkun *one way* jew *two way* u din se taffetwa s-sistema tat-traffiku fil-peninsula kollha.

*Daħal il-kunsillier N. Dimech fis-seduta 4.30pm.*

L-ikbar sfortuna hi l-kunsill m'għandux riżorsi biex janalizza dawn l-affarijiet kollha ta' kull triq f'Tas-Sliema. Meta l-kunsill kien talab lill-MEPA biex isir *Traffic Impact Assessment* fuq tas-Sliema kollha minħabba l-iżviluppi kollha qegħdin isiru speċjalment l-iżviluppi l-kbar, ma kienitx intlaqet din it-talba.

Il-kunsill qabel li għandu jerġa jiltaqa' mas-Sur B. Bonello nhar l-Erbgħa 28 ta' Jannar 2009 fl-4pm fl-uffiċċju tal-kunsill ħalli jkunu jistgħu jiġu analizzati sewwa l-idejat tar-residenti dwar il-*local plans*. Bl-approvazzjoni tal-kunsill is-segretarju eżekuttiv għadda kopja ta' kull korrispondenza li l-kunsill irċieva lis-Sur B. Bonello.

3.2 Is-segretarju eżekuttiv tkellem dwar l-applikazzjoni għal *Interreg funding IVC*, fejn iltaqa' mas-Sur Simon Barberi ta' Ernst and Young u qallu li mhiex daqshekk faċli li applikazzjoni tintbgħat fi żmien ġimgħatejn, għaliex normalment applikazzjoni bħal din tkun trid preparazzjoni minn ta' l-inqas ftit xhur qabel. Is-segretarju eżekuttiv qal li min-naħa tiegħu diġa ħadem ħafna fuqha u l-applikazzjoni hija kważi mimlijia mingħajr l-informazzjoni finanzjarja. Is-segretarju eżekuttiv kien staqsa xi tliet mistoqsijiet lis-sinjuri Divane u Thymiak tal-kumpanija *Euro Trans* mil-Greċja fejn għadu ma rċieva l-ebda risposta b'hekk l-applikazzjoni ma tistax tkun kompluta. Il-kunsilliera preżenti qablu li l-applikazzjoni m'għandix tintbagħat meta m'hiex kompluta. Ġie ssuġġeriet ukoll li għal darb'oħra l-kunsillier inkarigat mill-EU isib proġetti li ż-żmien stipulat ikun itwal. Sadanittant il-kunsill qabel li għandu jiltaqa' mal-MEUSAC biex ikunu jistgħu jgħinuna aħjar.

Il-kunsill qabel ukoll li għandu joħroġ sejħa għall-applikazzjoni ta' *tender* dwar *EU Funding* fejn waħda mill-ispeċifikazzjonijiet tkun li l-applikant ikollu inizjattivi u jmexxi lill-kunsill għall-liema proġetti jkun jista japplika.

3.3 Is-segretarju eżekuttiv irrefera għad-deċiżjoni li l-kunsill kien ħa fl-aħħar seduta (40_17/12/09) li jnaqqas 10 fil-mija mil-kont ta' Diċembru, 2008 tal-kumpanija *Transline* minħabba s-servizz li kienet qiegħed jagħti. Is-Sur Cardona tal-kumpanija msemmija kiteb lill-kunsill fejn talab jekk l-ammont jistax jitħallas sħiħ minħabba li pprova jiġġustifika s-servizz tajjeb li ta' matul l-aħħar xhur. Il-kunsill ma qabilx dwar dan u ma laqax din it-talba u l-kont għandu jibqa kif inhu bit-tnaqqis ta' għaxra fil-mija.

3.4 Is-segretarju eżekuttiv ressaq żewġ applikazzjonijiet mid-Dipartiment ta' l-Artijiet dwar il-permess għall-imwejjed u s-siġġijiet liż-żewġ stabbilimenti ta' Tony's Bar. Il-kunsill ma' sab l-ebda oġġezzjoni għal dawn. Fuq dan il-punt il-viċi sindku A. Bonello Dupuis irrimarka dwar il-kiosks li hemm Għar id-Dud. Is-sindku M. Arrigo irrispondiet li l-MTA qegħdin ukoll jagħtu l-opinjoni tagħhom dwar dawn il-kjosks.

3.5 Is-segretarju eżekuttiv irrefera għad-deċiżjoni li l-kunsill kien ħa dwar is-*solar panelling*. Is-segretarju eżekuttiv ġabar l-istimi neċessarji fejn annalizza l-informazzjoni neċessarja ta' l-erba' kumpaniji: *Eco Energy International*, *Sandishree International Malta*, *Panta Lesco* u *Solar Solutions*. Is-segretarju eżekuttiv kien qassam kopja tal-kwotazzjonijiet kollha lill-kunsilliera kif ukoll qassam kopja ta' l-informazzjoni miġbura lill-kunsilliera preżenti. Is-segretarju eżekuttiv spjega wkoll li lil min nagħżlu irid jagħtina l-informazzjoni meħtieġa malajr kemm jista jkun. Il-kunsill jista japplika għall-fondi ta' l-

10,000 euro skond memo 38/2008 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern lokali fejn jistgħu jikkwalifikaw biss ħmistax mill-kunsilli lokali, sa mhux iktar tard mit-30 ta' Jannar, 2009.

*Daħal il-kunsillier M. Debono fil-5.30pm*

*Ġiet skużata li titlaq mis-seduta l-kunsilliera M. Aquilina fil-5.32pm*
Kien hemm diskussjoni sħiħa dwar dan is-suġġett, fejn kien hemm min talab li jkun jaf min huma d-diretturi tal-kumpanija *Solar Solutions.*

*Il-kunsilliera M. A. Azzopardi telqet mis-seduta fil-5.50pm.*

Hawnhekk is-sindku M. Arrigo ġibdet l-attenzjoni li ma jistax ikun li wħud mil-kunsilliera jibqgħu jitilqu mingħajr raġuni valida, waqt is-seduta meta jkun fadal ħafna affarijiet fuq l-agenda. Kulħadd jaf li l-laqgħa tal-kunsill normalment tinżamm kull tielet Erbgħa tax-xahar u kulħadd għandu jżomm l-appuntament tiegħu u jkun responsabbli għal kariga li ħareġ għaliha. U fejn jeħtieġ li nieħdu deċiżjoni kulħadd għandu jerfa r-responsabbilta'.

Fuq bażi ta' effiċenza dwar l-enerġija, esperjenza f'dan il-qasam tax-xogħol, *panels* jieħdu inqas spazzju u l-prezz, il-kunsillier M. Briguglio ippropona, il-kunsillier N. Dimech issekondah li l-kunsill għandu jagħżel *Solar Solutions* bis-solar tad-ditta *Kyocera.* Is-sindku M. Arrigo, il-kunsilliera M. Debono u L. Vella ivvotaw favur. Il-viċi sindku A. Bonello Dupuis astjena.

3.6 Dwar l-applikazzjoni mil-MEPA bin-numru 1599/08 fi Triq il-Kbira, il-kunsill qabel li għandu joġġezzjona minħabba li l-*area* hija diġa traffikuża u jista jinħoloq aktar konġestjoni.

3.7 Is-segretarju eżekuttiv informa lill-kunsilliera preżenti li kellhom laqgħa mal-Perit Borg Costanzi flimkien ma' l-avukat tagħha u l-avukat tal-kunsill dwar il-garanzija bankarja u l-i*scaffolding* li qiegħed jostakola l-bankina fi Triq Rudolfu ma' Triq Beresford. Il-kunsill ġie infurmat li dawn għadhom ma jridux joħolqu kompromess u ħarġu mil-laqgħa msemmija. Il-kunsill ġie infurmat li din tista tiftħilna kawża legali. Madankollu fuq parir ta' l-avukat il-kunsill qabel li l-permessi m'għandhomx joħorġu qabel ma' din tagħmel il-ħlas dovut.

3.8 Is-segretarju eżekuttiv reġa ressaq għall-attenzjoni tal-kunsill dwar kif se joħroġ it-*tender* għal *contracts manager* fuq servizzi tal-kunsill. Il-kunsill kien għad kellu jiddeċiedi għall-liema servizzi, jekk hux bil-perċentaġġ jew paga fissa, u jekk ikkollniex dan is-servizz wara l-ħinijiet ta' l-uffiċċju wkoll, għaliex ħafna mil-abbużi jsiru barra l-ħin ta' l-uffiċċju. Il-kunsill qabel li għandu joħroġ sejħa għall-applikazzjoni li l-applikant joffri ammont kemm bil-perċentaġġ kif ukoll salarju annwali għal dawn is-servizzi:-

a. Manutenzjoni u xogħlijiet li jsiru mil-ħaddiema tal-kunsill
b. Knis ta' toroq u tindif
c. Tindif u attendenza tal-latrini pubbliċi
d. Manutenzjoni u żamma tal-*promenade*
e. Tindif ta' *litter bins*
f. Ħasil tal-*promenade*
g. Sorveljanza ta' kuntratturi bla permessi fuq istruzzjonijiet tal-kunsill
h. Xogħlijiet oħra li l-kunsill jista jsaqsi u jagħmel r-rapporti tiegħu neċessarji lill-kunsill

Il-kunsill qabel ukoll li l-kuntratt għandu jkun għal sena.

3.9 Il-kunsillier M. Briguglio ressaq għall-attenzjoni tal-kunsill li fil-latrini pubbliċi mhux qiegħed ikun hemm *toilet paper.* Il-kunsill qabel li għandu jipprova jsib xi soluzzjoni biex jitwaħħlu *holders* biċ-ċavetta biex ma jkunx jista jinsterraq.

3.10 Komunikazzjoni mil-kunsillier M. Briguglio fejn staqsa dwar is-*safety railings* għal ġnien ta' Qui-si-sana. Ġie infurmat li dawn qegħdin jitwaħħlu. Staqsa wkoll dwar il-*one way routing* ta' Triq Amery u Sir Gorg Borg. Is-sindku wieġbet li din se tiġi diskussa ma' l-ADT meta jinfurmawna bid-data tal-laqgħa li l-kunsill kien talab magħhom.

3.11 Dwar ir-*residents parking zone* is-segretarju eżekuttiv ippreżenta kopja tat-tabella lill-kunsilliera preżenti, ta' kif se tkun imwaħħla fit-toroq. Ippreżenta wkoll l-istima ta' kif inhi fil-kuntratt kif ukoll oħra bil-possibilta' li t-tabelli jkunu galvanizzati. Il-kunsill qabel li għandu jżid il-*logo* ta' Tas-Sliema u nżidu l-kelma 'Sliema' qabel il-kelma '*residents.*' Il-kunsill qabel ukoll li d-daqs għandu jkun ta' 60x40cm u jkunu galvanizzati. Is-segretarju eżekuttiv qal ukoll li l-uffiċċjal awtorizzat qal li l-kontravenzjonijiet xorta waħda qegħdin jiġu lliberati mit-tribunal minħabba li għadhom mhumiex legallizzati, imma għandhom biss il-permess ta' l-ADT. Il-kunsill qabel li t-tabelli m'għandhomx jiġu ordnati qabel ma' din tiġi llegalizzata.

3.12 Stedina minn *CareMalta Group Ltd* biex il-kunsill jinnomina lil xi ħadd li jkun ħa ħsieb lill-anzjani. Il-kunsill qabel li għandu jinnomina lil Josette li tmexxi is-*Sliema Day Centre.*

3.13 Ittra minn *Polidano Bros* fejn qegħdin jitolbu *refund* għal ħlas li sar għat-*tower crane* fi Triq it-Torri. Is-segretarju eżekuttiv qal li din l-ittra ġiet imressqa għall-attenzjoni ta' l-avukat tal-kunsill fejn is-segretarju eżekuttiv weġibhom skond il-parir tiegħu. Fuq dan il-punt is-segretarju eżekuttiv staqsa jekk il-kunsill għandux jibda bil-*patching works* ma' Polidano fejn se jsir xogħol f'diversi toroq fosthom Old College, Isouard, Qui-si-sana, it-telgħa tas-Savoy, Ġ. Howard, Windsor Terrace, Dingli u toroq oħra. Il-kunsill qabel li għandu jkompli. Il-kunsill ġie infurmat ukoll li għal ħlas dovut min-naħa ta' Polidano se jiġi mnaqqas mill-kont li jibgħatulna dwar il-*patching.*

3.14 Il-kunsillier L. Vella ressaq għall-attenzjoni tal-kunsill li t-*tower crane* li hemm fi Triq Katidral m'għandux dawl. Il-kunsill għandu jgħid lill-kuntrattur responsabbli.

3.15 Korrispondenza mis-Sur Kenneth Tanti fejn irrefera għall-problema ta' l-ilma li jkollu quddiem il-ħanut tiegħu fi Triq Mrabat meta tagħmel ix-xita. Fuq dan il-punt is-sindku staqsiet min kien qiegħed jissorvelja x-xogħol li kien isir mil-kunsill ta' qabel, għaliex diġa kellna problema fit-triq Rudlofu. Is-Sur Tanti qal li hu jippreferi li jsir *culvert,* iżda l-kunsill jaħseb li jekk isir *culvert* jistgħu jiġu kkawżati problemi f'toroq oħra. Il-kunsill qabel li għandhom jagħmlu barriers quddiem il-vetrina tiegħu fejn ikun jista jagħmel riklami, u b'hekk l-entratura tal-ħanut tiġi protteta ftit mill-ilma tax-xita.

3.16 Korrispondenza minn Sables d'Olonne mit-*twinning committee.* Dawn infurmaw lill-kunsill li se jiġu bejn is-2 u d-9 ta' Mejju 2009. Il-kunsill qabel li għandu jipprovdilhom it-trasport u ġiti sakemm ikunu Malta.

3.17 Korrispondenza mis-Sur Tortell fejn issuġġerixxa li waħda mit-toroq ġodda tal-MIDI tissemma għal Patri Ġwann Frendo. Il-kunsill qal li kien diġa ssuġġerixxa xi ismijiet l-Street Naming Committee fejn kien rrifjutaw t-talba.

*Il-kunsillier N. Dimech ġie skużat li jitlaq mis-seduta fis-6.50pm*

**4 Mistoqsijiet mil-kunsilliera**

Ma kienx hemm mistoqsijiet.

**5. Approvazzjoni tal-pagamenti**

5.1 Il-kunsiller M. Briguglio ppropona l-iskeda tal-pagamenti minn ċekk numru 9964 sa 10045. Il-kunsillier L. Vella ssekonda, filwaqt li l-kunsilliera preżenti, is-sindku M. Arrigo, il-viċi-sindku A. Bonello Dupuis, il-kunsilliera M. Debono u L. Vella approvaw il-pagamenti b'mod unanimu.

**6. Affarijiet Oħra**

6.1 Il-viċi sindku ippropona li l-kunsill għandu joħroġ stqarrija li Pjazza Sant'Anna reġgħet ingħatat lura għall-pubbliku. Is-Sindku qalet li m'għandniex nidħlu fiha u noħorġu pubblikament dwar dan. Il-kunsilliera M. Briguglio, L. Vella u M. Debono qalu li jekk noħorġu din l-istqarrija għandu jissemma l-involviment tal-kunsill. Peress li kien hemm idejat varji l-kunsill qabel li din għandha tinkiteb u tintbagħat lill-kunsilliera kollha qabel sabiex tkun tista tiġi diskussa, qabel il-publikazzjoni.

6.2 Il-kunsillier L. Vella ippropona li l-kunsill għandu jwaħħal CCTV fl-uffiċini tal-kunsill kemm minħabba l-flus kif ukoll għall-benefiċċju ta' l-istaff. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' dan u s-segretarju eżekuttiv għandu jmexxi bil-proċedura tas-soltu, permezz tal-kwotazzjonijiet.

Is-seduta ntemmet fis-7pm. Seduta oħra ġiet imsejħa għal nhar l-Erbgħa 18 ta' Frar, 2009 fl-4pm.

| | |
|---|---|
| **Marina Arrigo** | **Josef Grech** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |